2024/3199

31.12.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3199

tal-15 ta' Ottubru 2024

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-elenkar tal-pestiċidi u tas-sustanzi kimiċi industrijali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4), il-punti (a), (b) u (d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikoluż fil-kummerċ internazzjonali[2] ("il-Konvenzjoni ta' Rotterdam").

(2) Bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/149[3], (UE) 2023/2657[4], (UE) 2023/2456[5], (UE) 2024/1207[6], (UE) 2023/1436[7], (UE) 2024/1217[8], (UE) 2023/2455[9], (UE) 2023/741[10], (UE) 2024/20[11] u

[1] ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/649/oj.
[2] ĠU L 63, 6.3.2003, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2003/106(1)/oj.
[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/149 tal-20 ta' Jannar 2023 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva benfluralin, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 20, 23.1.2023, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/149/oj).
[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2657 tas-6 ta' Novembru 2023 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva bentjavalikarb, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2023/2657, 23.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2657/oj).
[5] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2456 tas-7 ta' Novembru 2023 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva klofenteżina, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2023/2456, 8.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2456/oj).
[6] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1207 tad-29 ta' April 2024 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva dimetomorf, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2024/1207, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1207/oj).
[7] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1436 tal-10 ta' Lulju 2023 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva dimossistrobina, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 u (UE) 2015/408 (ĠU L 176, 11.7.2023, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1436/oj).
[8] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1217 tad-29 ta' April 2024 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva mepanipirim, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2024/1217, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1217/oj).
[9] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2455 tas-7 ta' Novembru 2023 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva metiram, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2023/2455, 8.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2455/oj).
[10] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/741 tal-5 ta' April 2023 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva oksamil, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 98, 11.4.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/741/oj).
[11] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/20 tat-12 ta' Diċembru 2023 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva S-metolaklor, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2024/20, 3.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/20/oj).

(UE) 2023/2513 ([12]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma ġġeddidx l-approvazzjoni tas-sustanzi benfluralin, bentjavalikarb, klofenteżina, dimetomorf, dimossistrobina, mepanipirim, metiram, oksamil, S-metolaklor u triflusulfuron-metil, rispettivament, bħala sustanzi attivi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]). L-effett ta' dik id-deċiżjoni huwa li dawk is-sustanzi huma pprojbiti minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li ma ġew approvati għall-ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Għalhekk, jenħtieġ li l-benfluralin, il-bentjavalikarb, il-klofenteżina, id-dimetomorf, id-dimossistrobina, il-mepanipirim, il-metiram, l-oksamil, il-S-metolaklor u t-triflusulfuron-metil jiżdiedu mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(3) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/939 ([14]), il-Kummissjoni ddeċidiet li tirtira l-approvazzjoni tas-sustanza ipkonażol bħala sustanza attiva skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. L-effett ta' dik id-deċiżjoni hu li l-ipkonażol hu pprojbit minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li ma ġie approvat għall-ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Għalhekk, l-ipkonażol jenħtieġ li jiġi miżjud mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(4) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/425 ([15]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tapprovax is-sustanza attiva asulam-sodju peress li ġiet irtirata mill-industrija mill-proċess ta' approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. L-effett ta' dak l-irtirar hu li l-asulam-sodju hu pprojbit minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li ma ġie approvat għall-ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata tas-sustanza skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) hi evidenza biżżejjed li s-sustanza tqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Għalhekk, l-asulam-sodju jenħtieġ li jiġi miżjud mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(5) Is-sustanzi attivi fosfid tal-kalċju, kloridażon, klorsulfuron, flusilażol, fuberidażol, jossinil, molinat, ossadiażon, profenofos, kinoklammina, spirotetramat, tralkossidim u triadimenol ġew irtirati mill-industrija mill-proċess tal-approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. L-effett ta' dak l-irtirar hu li dawk is-sustanzi huma pprojbiti minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li ma ġew approvati għall-ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata ta' dawk is-sustanzi skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hi evidenza biżżejjed li s-sustanzi jqajmu tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Għalhekk, dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiġu miżjuda mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2513 tas-16 ta' Novembru 2023 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva triflusulfuron-metil, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2023/2513, 17.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2513/oj).

([13]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj).

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/939 tal-10 ta' Mejju 2023 li jirtira l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ipkonażol f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 571/2014 (ĠU L 125, 11.5.2023, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/939/oj).

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/425 tat-2 ta' Frar 2024 dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva asulam-sodju, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/425, 5.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/425/oj).

([16]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006, (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

(6) Is-sustanza attiva difenakum ġiet irtirata mill-industrija mill-proċess tal-approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. L-effett ta' dak l-irtirar hu li d-difenakum hija pprojbita mill-użu fis-subkategorija "pestiċidi fil-grupp ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti". Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata tad-difenakum skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hi evidenza biżżejjed li s-sustanza tqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Għalhekk, id-difenakum jenħtieġ li tiġi miżjuda mal-lista tas-sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(7) Is-sustanza attiva penflufen hija irtirata mill-industrija mill-proċess tal-approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. L-effett ta' dak l-irtirar huwa li l-użu ta' dik is-sustanza fil-livell tal-kategorija ta' "pestiċidi" huwa ristrett ħafna, meta jitqies li l-penflufen hija approvata biss għall-użu fi prodotti bijoċidali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]) għall-prodotti tat-tip 8 fis-subkategorija "pestiċidi oħrajn li jinkludu l-bijoċidi". Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata tal-penflufen skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hi evidenza biżżejjed li s-sustanza tqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Għalhekk, il-penflufen jenħtieġ li tiġi miżjuda mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(8) Is-sustanza attiva fenpropimorf ġiet irtirata mill-industrija mill-proċess tal-approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-effett ta' dak l-irtirar hu li l-fenpropimorf hija pprojbita mill-użu fil-kategorija "pestiċidi". Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata tal-fenpropimorf skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hi evidenza biżżejjed li s-sustanza tqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Għalhekk, il-fenpropimorf jenħtieġ li tiġi miżjuda mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(9) Bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/470 ([18]) u (UE) 2022/2005 ([19]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tapprovax is-sustanzi d-Alletrina u ditijoċjanat tal-metilen bħala sustanzi attivi skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-effett ta' dik id-deċiżjoni hu li d-d-Alletrina u d-ditijoċjanat tal-metilen huma pprojbiti minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li s-sustanzi ma ġew approvati għall-ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Għalhekk, id-d-Alletrina u d-ditijoċjanat tal-metilen jenħtieġ li jiġu miżjuda mal-listi tas-sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(10) Is-sustanza attiva bendijokarb ġiet irtirata mill-industrija mill-proċess tal-approvazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-effett ta' dik id-deċiżjoni hu li l-bendijokarb hija pprojbita minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li ma ġiet approvata għall-ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata ta' dik is-sustanza skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hi evidenza biżżejjed li s-sustanza tqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Għalhekk, il-bendijokarb jenħtieġ li tiġi miżjuda mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

([17]) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

([18]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/470 tat-2 ta' Marzu 2023 li ma tapprovax id-d-Alletrina bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għat-tip ta' prodott 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 68, 6.3.2023, p. 177, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/470/oj).

([19]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2005 tal-21 ta' Ottubru 2022 li ma tapprovax id-ditijoċjanat tal-metilen bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 12 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 274, 24.10.2022, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/2005/oj).

(11) Bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2377 ([20]), (UE) 2023/2052 ([21]) u (UE) 2023/2648 ([22]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tapprovax is-sustanzi żeolit tar-ram u tal-fidda, fosfat tal-idroġenufosfat tal-fidda, tas-sodju u taż-żirkonju u ż-żeolit tal-fidda bħala sustanzi attivi għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 4 skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-effett ta' dik id-deċiżjoni hu li l-użu ta' dawk is-sustanzi huwa ristrett ħafna fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li s-sustanzi ma ġew approvati għall-ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Għalhekk, iż-żeolit tal-fidda u tar-ram, l-idroġenufosfat tal-fidda, tas-sodju u taż-żirkonju u ż-żeolit tal-fidda jenħtieġ li jiġu miżjuda mal-listi tas-sustanzi kimiċi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(12) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1424 ([23]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma ġġeddidx l-approvazzjoni tas-sustanza akrolein peress li din ġiet irtirata mill-industrija mill-proċess ta' approvazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-effett ta' dik id-deċiżjoni hu li l-akrolein hu pprojbit minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li ma ġie approvat għall-ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata tas-sustanza skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hi evidenza biżżejjed li s-sustanza tqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Għalhekk, l-akrolein jenħtieġ li jiġi miżjud mal-lista tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(13) Is-sustanza attiva abamektina ġiet irtirata mill-industrija mill-proċess tal-approvazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-effett ta' dak l-irtirar hu li l-abamektina hija pprojbita minn kull użu fis-subkategorija "pestiċidi oħrajn li jinkludu l-bijoċidi". Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata tal-abamektina skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hi evidenza biżżejjed li s-sustanza tqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Għalhekk, l-abamektina jenħtieġ li tiġi miżjuda mal-lista tas-sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(14) Is-sustanza attiva warfarin ġiet irtirata mill-industrija mill-proċess tal-approvazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-effett ta' dak l-irtirar hu li l-warfarin hi pprojbita minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi", minħabba l-fatt li l-warfarin ma ġiet approvata għall-ebda użu ieħor f'dik il-kategorija. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni armonizzata ta' dik is-sustanza skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hi evidenza biżżejjed li l-warfarin tqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Peress li l-warfarin diġà hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness I, jenħtieġ li s-sustanza tiġi miżjuda mal-lista tas-sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(15) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1097 ([24]), il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tapprovax is-sustanza ċjanammid bħala sustanza attiva skont ir-Regolament (KE) Nru 528/2012 u ċ-ċjanammid mhuwiex approvat bħala sustanza attiva skont ir-Regolament (UE) Nru 1107/2009. Għaldaqstant, iċ-ċjanammid huwa pprojbit minn kull użu fil-kategorija "pestiċidi" u jenħtieġ li jiġi elenkat fil-listi fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. Peress li ċ-ċjanammid diġà huwa elenkat fil-Parti 1 tal-Anness I, jenħtieġ li s-sustanza tiġi miżjuda mal-lista tas-sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

([20]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2377 tat-28 ta' Settembru 2023 li ma tapprovax iż-żeolit tal-fidda u tar-ram bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 4 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2023/2377, 3.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2377/oj).

([21]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2052 tal-25 ta' Settembru 2023 li ma tapprovax l-idroġenufosfat tal-fidda, tas-sodju u taż-żirkonju bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 4 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 236, 26.9.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2052/oj).

([22]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2648 tas-27 ta' Novembru 2023 li ma tapprovax iż-żeolit tal-fidda bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 4 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2023/2648, 29.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2648/oj).

([23]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1424 tal-5 ta' Lulju 2023 li ma ġġeddidx l-approvazzjoni tal-akrolein għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 12 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 174, 7.7.2023, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/1424/oj).

([24]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1097 tal-5 ta' Ġunju 2023 li ma tapprovax iċ-ċjanammid bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għat-tipi tal-prodotti 3 u 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 146, 6.6.2023, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/1097/oj).

(16) Is-sustanzi 1,2-aċidu benżenedikarbossiliku, ester tad-dieżil, ramifikat u lineari; ftalat tad-dieżil; aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, esteri tad-di-C6-10-alkil jew diesteri mħallta tad-deċil u tal-eżil u tal-ottil; perborat tas-sodju, aċidu perboriku, melħ tas-sodju; u l-perossometaborat tas-sodju huma elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]) peress li kienu ġew identifikati preċedentement bħala sustanzi ta' tħassib serju ħafna. Għalhekk, dawk is-sustanzi huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni f'konformità mat-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Billi ma ngħatat l-ebda awtorizzazzjoni, dawk is-sustanzi huma ristretti ħafna għall-użu industrijali. Għalhekk, dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiġu miżjuda mal-listi tas-sustanzi kimiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(17) Il-poliklorobifenili huma elenkati fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam. Dik l-entrata tkopri għadd ta' omologi, konġeneri u taħlitiet. Sabiex l-elenkar fil-Parti 3 tal-Anness I jiġi allinjat mal-elenkar taħt il-Konvenzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex ikopri dawn l-omologi, il-konġeneri u t-taħlitiet billi jiżdied "u oħrajn" man-numru CAS previst fil-Parti 3 tal-Anness I.

(18) Fil-ħdax-il laqgħa tagħha, li saret bejn l-1 u t-12 ta' Mejju 2023, il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam iddeċidiet li tinkludi t-terbufos fl-Anness III ta' dik il-Konvenzjoni, bl-effett li t-terbufos jiġi soġġett għall-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel skont dik il-Konvenzjoni. Għaldaqstant, it-terbufos jenħtieġ li jiġi miżjud mal-lista tas-sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012. Peress li t-terbufos diġà huwa elenkat fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li t-terbufos jitneħħa mil-lista ta' sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(19) Fl-għaxar laqgħa tagħha li saret mis-6 sas-17 ta' Ġunju 2022, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes ("il-Konvenzjoni ta' Stokkolma") iddeċidiet li tinkludi s-sustanza aċidu perfluworoeżan sulfoniku (PFHxS), l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFHxS fl-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni. Konsegwentement, dik is-sustanza ġiet elenkata fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]) u għalhekk jenħtieġ li tiżdied mal-lista ta' sustanzi kimiċi fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012.

(20) L-entrata għall-endosulfan inkluża fil-lista ta' sustanzi kimiċi stabbilita fil-Parti A tal-Anness V jenħtieġ li tiġi emendata billi jiżdiedu identifikaturi numeriċi addizzjonali biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni sabiex tiġi allinjata mar-Regolament (UE) 2019/1021.

(21) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 649/2012 jiġi emendat kif xieraq.

(22) Huwa xieraq li jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli li jippermetti lill-partijiet interessati jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu,

([25]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

([26]) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness V huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Marzu 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti 1, fit-tabella, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

Sustanza kimika	Nru CAS	Nru KE	Kodiċi NM (***)	Subkategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhix meħtieġa notifika
"Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, ester tad-dieżil, ramifikat u lineari (+)	68515-50-4	271-093-5	ex 2917 34 00	i(1)-i(2)	sr-b	
Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, esteri tad-di-C6-10-alkil jew diesteri mħallta tad-deċil u tal-eżil u tal-ottil (+)	68648-93-1 68515-51-5	272-013-1 271-094-0	ex 3824 99 92	i(1)-i(2)	sr-b	
Abamektina	71751-41-2		ex 3808 99 90	p(2)	b	
Akrolein (+)	107-02-8	203-453-4	ex 2912 19 00	p(2)	b	
Asulam-sodju (+)	2302-17-2	218-953-8	ex 2935 90 90	p(1)	b	
Bendijokarb (+)	22781-23-3	245-216-8	ex 2932 99 00	p(2)	b	
Benfluralin (+)	1861-40-1	217-465-2	ex 2921 43 00	p(1)	b	
Bentijavalikarb (+)	413615-35-7 177406-68-7		ex 2934 20 80	p(1)	b	
Fosfur tal-kalċju (+)	1305-99-3	215-142-0	ex 2853 90 90	p(1)	b	
Kloridażon (+)	1698-60-8	216-920-2	ex 2933 99 80	p(1)	b	
Klorsulfuron (+)	64902-72-3	265-268-5	ex 2935 90 90	p(1)	b	
Klofenteżina (+)	74115-24-5	277-728-2	ex 2933 99 80	p(1)	b	
d-Alletrina (+)	231937-89-6		ex 2916 20 00	p(2)	b	
Difenakum	56073-07-5	259-978-4	ex 2932 20 90	p(1)	b	
Ftalat tad-dieżil (+)	84-75-3	201-559-5	ex 2917 34 00	i(1)-i(2)	sr-b	
Dimetomorf (+)	110488-70-5	404-200-2	ex 2934 99 90	p(1)	b	
Dimossistrobina (+)	149961-52-4		ex 2928 00 90	p(1)	b	
Fenpropimorf (+)	67564-91-4	266-719-9	ex 2934 99 90	p(1)-p(2)	b-b	
Flusilażol (+)	85509-19-9		ex 2933 99 80	p(1)	b	
Fuberidażol (+)	3878-19-1	223-404-0	ex 2934 99 90	p(1)	b	

Sustanza kimika	Nru CAS	Nru KE	Kodiċi NM (***)	Subkategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhix meħtieġa notifika
Joxinil (+)	1689-83-4 3861-47-0	216-881-1 223-375-4	ex 2926 90 70	p(1)	b	
Ipkonażol (+)	125225-28-7 115850-69-6 115937-89-8		ex 2933 99 80	p(1)	b	
Mepanipirim (+)	110235-47-7	432-140-7	ex 2933 59 95	p(1)	b	
Ditijoċjanat tal-metilen (+)	6317-18-6	228-652-3	ex 2930 90 98	p(2)	b	
Metiram (+)	9006-42-2		ex 3808 92 30	p(1)	b	
Molinat (+)	2212-67-1	218-661-0	ex 2933 99 80	p(1)	b	
Oksadijażon (+)	19666-30-9	243-215-7	ex 2934 99 90	p(1)	b	
Oksamil (+)	23135-22-0	245-445-3	ex 2930 90 98	p(1)	b	
Penflufen (+)	494793-67-8		ex 2933 19 90	p(1)	b	
Profenofos (+)	41198-08-7	255-255-2	ex 2930 90 98	p(1)	b	
Kinoklammina (+)	2797-51-5	220-529-2	ex 2922 39 00	p(1)	b	
Żeolit tar-ram u tal-fidda (+)	130328-19-7		ex 2843 29 00	p(2)	b	
Idroġenufosfat tal-fidda, tas-sodju u taż-żirkonju (+)	265647-11-8	422-570-3	ex 2843 29 00	p(2)	b	
Żeolit tal-fidda (+)	130328-18-6		ex 2843 29 00	p(2)	b	
S-metolaklor (+)	87392-12-9		ex 2924 29 70	p(1)	b	
Perborat tas-sodju; aċidu perboriku, melħ tas-sodju (+)	15120-21-5 10332-33-9 10486-00-7 13517-20-9 90568-23-3 11138-47-9 125022-34-6 37244-98-7 u oħrajn	239-172-9 234-390-0 u oħrajn	ex 2840 30 00	i(1)-i(2)	sr-b	
Perossometaborat tas-sodju (+)	7632-04-4	231-556-4	ex 2840 30 00	i(1)-i(2)	sr-b	

Sustanza kimika	Nru CAS	Nru KE	Kodiċi NM (***)	Subkategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhix meħtieġa notifika
Spirotetramat (†)	203313-25-1		ex 2933 79 00	p(1)	b	
Tralkossidim (†)	87820-88-0		ex 2928 00 90	p(1)	b	
Trijadimenol (†)	55219-65-3	259-537-6	ex 2933 99 80	p(1)	b	
Triflusulfuron-metil (†)	126535-15-7		ex 2935 90 90	p(1)	b”	

(2) fil-Parti 1, fit-tabella, l-entrati għaċ-ċjanammid, it-terbufos u l-warfarin huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Sustanza kimika	Nru CAS	Nru KE	Kodiċi NM (***)	Subkategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)	Pajjiżi li għalihom mhix meħtieġa notifika
“Ċjanammid (†)	420-04-2	206-992-3	ex 2853 90 90	p(1)-p(2)	b-b	
Terbufos (#)	13071-79-9	235-963-8	ex 2930 90 98	p(1)	b	
Warfarin (†)	81-81-2	201-377-6	ex 2932 20 90	p(1)-p(2)	b-b”	

(3) fil-Parti 2, fit-tabella, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

Sustanza kimika	Nru CAS	Nru KE	Kodiċi NM (***)	Kategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)
“Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, ester tad-dieżil, ramifikat u lineari	68515-50-4	271-093-5	ex 2917 34 00	i	sr
Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, esteri tad-di-C6-10-alkil jew diesteri mħallta tad-deċil u tal-eżil u tal-ottil	68648-93-1 68515-51-5	272-013-1 271-094-0	ex 3824 99 92	i	sr
Akrolein	107-02-8	203-453-4	ex 2912 19 00	p	b
Asulam-sodju	2302-17-2	218-953-8	ex 2935 90 90	p	b
Bendiokarb	22781-23-3	245-216-8	ex 2932 99 00	p	b
Benfluralin	1861-40-1	217-465-2	ex 2921 43 00	p	b
Bentijavalikarb	413615-35-7 177406-68-7		ex 2934 20 80	p	b
Fosfur tal-kalċju	1305-99-3	215-142-0	ex 2853 90 90	p	b
Kloridażon	1698-60-8	216-920-2	ex 2933 99 80	p	b
Klorsulfuron	64902-72-3	265-268-5	ex 2935 90 90	p	b

Sustanza kimika	Nru CAS	Nru KE	Kodiċi NM (***)	Kategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)
Klofenteżina	74115-24-5	277-728-2	ex 2933 99 80	p	b
Ċjanammid	420-04-2	206-992-3	ex 2853 90 90	p	b
d-Alletrina	231937-89-6		ex 2916 20 00	p	b
Ftalat tad-dieżil	84-75-3	201-559-5	ex 2917 34 00	i	sr
Dimetomorf	110488-70-5	404-200-2	ex 2934 99 90	p	b
Dimossistrobina	149961-52-4		ex 2928 00 90	p	b
Fenpropimorf	67564-91-4	266-719-9	ex 2934 99 90	p	b
Flusilażol	85509-19-9		ex 2933 99 80	p	b
Fuberidażol	3878-19-1	223-404-0	ex 2934 99 90	p	b
Joxinil	1689-83-4 3861-47-0	216-881-1 223-375-4	ex 2926 90 70	p	b
Ipkonażol	125225-28-7 115850-69-6 115937-89-8		ex 2933 99 80	p	b
Mepanipirim	110235-47-7	432-140-7	ex 2933 59 95	p	b
Ditijoċjanat tal-metilen	6317-18-6	228-652-3	ex 2930 90 98	p	b
Metiram	9006-42-2		ex 3808 92 30	p	b
Molinat	2212-67-1	218-661-0	ex 2933 99 80	p	b
Oksadijażon	19666-30-9	243-215-7	ex 2934 99 90	p	b
Oksamil	23135-22-0	245-445-3	ex 2930 90 98	p	b
Penflufen	494793-67-8		ex 2933 19 90	p	sr
Profenofos	41198-08-7	255-255-2	ex 2930 90 98	p	b
Kinoklammina	2797-51-5	220-529-2	ex 2922 39 00	p	b
Żeolit tar-ram u tal-fidda	130328-19-7		ex 2843 29 00	p	b
Idroġenufosfat tal-fidda, tas-sodju u taż-żirkonju	265647-11-8	422-570-3	ex 2843 29 00	p	b
Żeolit tal-fidda	130328-18-6		ex 2843 29 00	p	b
S-metolaklor	87392-12-9		ex 2924 29 70	p	b

Sustanza kimika	Nru CAS	Nru KE	Kodiċi NM (***)	Kategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)
Perborat tas-sodju; aċidu perboriku, melħ tas-sodju	15120-21-5 10332-33-9 10486-00-7 13517-20-9 90568-23-3 11138-47-9 125022-34-6 37244-98-7 u oħrajn	239-172-9 234-390-0 u oħrajn	ex 2840 30 00	i	sr
Perossometaborat tas-sodju	7632-04-4	231-556-4	ex 2840 30 00	i	sr
Spirotetramat	203313-25-1		ex 2933 79 00	p	b
Tralkossidim	87820-88-0		ex 2928 00 90	p	b
Trijadimenol	55219-65-3	259-537-6	ex 2933 99 80	p	b
Triflusulfuron-metil	126535-15-7		ex 2935 90 90	p	b
Warfarin	81-81-2	201-377-6	ex 2932 20 90	p	b”

(4) fil-Parti 2, fit-tabella, titħassar l-entrata li ġejja:

Sustanza kimika	Nru CAS	Nru KE	Kodiċi NM (***)	Kategorija (*)	Limitazzjoni tal-użu (**)
“Terbufos	13071-79-9	235-963-8	ex 2930 90 98	p	b”

(5) fil-Parti 3, fit-tabella, tiżdied l-entrata li ġejja:

Sustanza kimika	Numru/numri CAS rilevanti	Kodiċi SA Sustanza pura (**)	Kodiċi SA Taħlitiet li fihom sustanza (**)	Kategorija
“Terbufos	13071-79-9	2930.90	ex 3808.59	Pestiċida”

(6) fil-Parti 3, fit-tabella, l-entrata dwar il-poliklorobifenili hija sostitwita b’dan li ġej:

Sustanza kimika	Numru/numri CAS rilevanti	Kodiċi SA Sustanza pura (**)	Kodiċi SA Taħlitiet li fihom sustanza (**)	Kategorija
“Poliklorobifenili (PCB) (*)	1336-36-3, u oħrajn	ex 2903.99	ex 3824.82	Industrijali”

ANNESS II

Fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 649/2012, it-tabella tal-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(1) tiżdied l-entrata li ġejja:

Deskrizzjoni tas-sustanzi kimiċi/ oġġett(i) soġġetti għall-projbizzjoni tal-esportazzjoni	Dettalji addizzjonali, fejn relevanti (eż. isem is-sustanza kimika, Nru KE, Nru CAS, eċċ.)	
	"Aċidu perfluworoeżan sulfoniku (PFHxS), l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFHxS	Nru KE 206-587-1 u oħrajn Nru CAS 355-46-4 u oħrajn Kodiċi NM 2904 99 00 u oħrajn"

(2) l-entrata tal-endosulfan hija sostitwita b'dan li ġej:

Deskrizzjoni tas-sustanzi kimiċi/ oġġett(i) soġġetti għall-projbizzjoni tal-esportazzjoni	Dettalji addizzjonali, fejn relevanti (eż. isem is-sustanza kimika, Nru KE, Nru CAS, eċċ.)	
	"Endosulfan	Nru KE 204-079-4 Nru CAS 115-29-7, 959-98-8, 33213-65-9 Kodiċi NM ex 2920 30 00"